**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Frar, 2016**

Numru 9

**Appell Nru. 53/2015**

**Dr Jevon Vella**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u l-kjamat in kawza Edmond Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr Jevon Vella, terz intervenut, tas-16 ta' Novembru 2015 mid-digriet tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Ottubru 2015 li dikjarat li l-mertu tal-appell kien ezawrit bil-hrug tal-permess mill-Awtorita datat 20 ta' Marzu 2014 li kkancellat il-permess mahrug fit-22 ta' Ottubru 2013 mertu ta' dan l-appell;

Rat ir-risposti tal-Awtorita u l-applikant li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-provvediment tat-Tribunal li jghid hekk:

Ikkunsidra:

Illi l-aggravju rigward kwistjoni ta' procedura ta' notifika tar-registered objectors kif spjegat fl-aggravju 'A' fir-rikors tal-appell gja gie michud minn dan it-Tribunal b'decizjoni preliminari tal-4 ta' Novembru 2014.

Illi l-aggravji mqajjam fil-process ta' dan l-appell rigward il-mertu tal-izvilupp fl-applikazzjoni odjerna huma spjegati fit-tieni ('B') u fit-tielet ('C') aggravji fir-rikors tal-appell, u li jistghu jingabru hekk kif gej:

1. Illi l-Kummissjoni ggustifikat id-decizjoni fuq fatti skorretti meta ikkonkludiet illi "The proposal as amended reflects other garage openings along the same side of the street."
2. Illi l-gustifikazzjoni tal-Kummissjoni li "the proportions of garage door have been ameliorated to retain UCA character in line with SP Policies BEN 2 and UCO 6" huma ukoll fattwalment skoretti.
3. Illi l-proposta tmur kontra l-policy 4.4 tal-Policy and Design Guidance 2007.

Illi dawn l-aggravji huma l-istess aggravji prezentati fir-rikors tal-appell bin-numru 82/14 prezentat mill-appellant fit-28 t'April 2014 kontra n-notifika gdida tal-istess permess PA 337/13, mahrug fl-20 ta' Marzu 2014.

Illi fl-appell 82/14, l-appellant qajjem l-eccezzjoni dwar il-legalita' tat-tieni permess. Dan it-Tribunal cahad din l-eccezzjoni fid-decizjoni rigward l-appell 82/14 moqrija llum flimkien ma din id-decizjoni. L-ahhar notifika tal-permess issuperat in-notifika tal-permess datata 22 t'Ottubru 2013, li huwa l-mertu ta' dan l-appell odjern. Illi pubblikazzjoni tan-notifka tal-permess gdid kien necessarju hekk kif irrizulta li fl-ewwel permess kien hemm pjanta approvata mill-Kummissjoni li thalliet barra mill-pjanti approvati fin-notifika tal-permess originali.

Peress illi l-permess datat 22 t'Ottubru 2013 gie kkancellat mill-Awtorita' bil-hrug tal-permess gdid datat 20 ta' Marzu 2014, il-mertu ta' dan l-appell illum huwa wiehed ezawrit, filwaqt l-istess aggravji qed jigi illum decizi fl-appell numru 82/14.
Ghal dawn il-mottivi dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan l-appell.

Peress illi jirrizulta li l-appellant dahhal dan l-appell inutilment peress li l-Awtorita' kkancellat l-istess permess u gie sostitwit bil-permess datat 20 ta' Marzu 2014, dan it-Tribunal qed jordna r-rifuzzjoni tad-dritt ta' dan l-appell lura lill-appellant.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjonijiet tal-4 ta' Novembru 2014 u 29 ta' Ottubu 2015 huma nulli ghax l-applikant Edmond Agius gie indikat bhala kjamat fil-kawza mentri hu kien dejjem parti fil-proceduri. B'hekk hemm zball fl-okkju li mhux sanabbli;

2. It-Tribunal kien zbaljat legalment meta emana sentenza minn dan l-appell bil-forma ta' digriet. Il-ligi fl-artikolu 41 titkellem dwar decizjonijiet tat-Tribunal u ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal hi formalment nulla;

3. It-Tribunal kien gia esprima ruhu fuq l-aggravju mressaq mill-appellant dwar in-nuqqas li jigi msejjah mill-Awtorita sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu wara li gew prezentati pjanti godda f'appell mill-istess applikazzjoni izda konness mieghu numru 268/13 fl-4 ta' Novembru 2014. Fid-decizjoni tieghu fl-appell sub iudice rega' rrepeta dak li qal fid-decizjoni tal-4 ta' Novembru 2014. La darba t-Tribunal kien gia esprima ruhu ma setax jiddeciedi din il-lanjanza bl-istess kompozizzjoni ta' membri.

In oltre fil-mertu d-decizjoni tat-Tribunal kienet errata ghaliex wara s-seduta quddiem il-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2013 fejn l-appellant isostni li ma giex notifikat, saret seduta ohra ghad-decizjoni finali fis-6 ta' Settembru 2013 fejn fil-mori tad-differiment gew prezentati pjanti godda b'varjazzjoni ulterjuri mill-applikant u l-appellant, terz interessat, ma giex notifikat. Kuntrarjament ghal dak li qal it-Tribunal mhux bizzejjed li registered objector jigi notifikat biss ghall-ewwel seduta. L-artikolu 68(6) tal-Kap. 504 hu car fuq il-punt u l-paragrafu tal-ewwel skeda li strah fuqha t-Tribunal ma tinnewtralizzax dan. Ghalkemm l-appellant gie notifikat li gew prezentati pjanti godda ma giex notifikat bis-seduta tas-6 ta' Settembru 2013, ghalkemm fl-ittra tal-20 ta' Frar 2013 gie nfurmat li f'kaz ta' bdil ta' pjanti kien ser jigi infurmat bid-data u hin tad-decizjoni dwarhom;

4. Il-konkluzzjoni tat-Tribunal li dan l-appell kien inutili hi errata ghax dan l-appell sar mid-decizjoni tal-Kummissjoni u l-permess li nhareg fit-22 ta' Ottubru 2013. Wara li gie intavolat l-appell u kien beda l-procediment tieghu, inghatat decizjoni ohra fl-20 ta' Marzu 2014 fl-istess applikazzjoni. Ghalhekk kellhom jitressqu zewg appelli. L-appellant ma kienx jaf li xhur wara li sar l-ewwel appell, cioe dan in kwistjoni, l-Awtorita harget decizjoni ohra li biha hassret l-ewwel wahda. In oltre t-Tribunal iddikjara l-mertu tal-appell ezawriet u astjena milli jkompli jiehu konjizzjoni tieghu stante li l-permess tat-22 ta' Ottubru 2013 gie kancellat bil-hrug tal-permess gdid tal-20 ta' Marzu 2014 u illi l-aggravji tal-appellant gew decizi fl-appell l-iehor 82/14 in konnessjoni mat-tieni permess. It-Tribunal ma setax jaghmel dan peress illi l-appell

gie dibattut u gie differit ghas-sentenza. Kwindi kellu jitratta l-aggravji f'dan l-appell ukoll.

Il-Qorti tqis li qabel jigu trattati l-aggravji hu doveruz riassunt qasir tal-fatti. L-Awtorita kienet harget il-permess PA 337/13 fit-22 ta' Ottubru 2013. Minnha sar appell mit-terz interessat. Fl-20 ta' Marzu 2014 inhareg permess bl-istess numru u gie dikjarat li qed jiehu l-post tal permess tat-22 ta' Ottubru 2013. L-unika differenza apparenti bejn iz-zewg permessi hi pjanta li kienet giet prezentata flimkien ma' ohrajn waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni cioe l-pjanta enumerata 56B u li meta nhareg il-permess fit-22 ta' Ottubru 2013, thalliet barra. Din giet inkluza fil-permess tal-20 ta' Marzu 2014. Il-Qorti talbet u semghet ix-xiehda tar-rapprezentant tal-Awtorita li spjega l-kronologija hekk. Hu qal illi Dr. Vella gie nfurmat bis-seduta tas-26 ta' Lulju 2013 b'ittra postata tat-2 ta' Lulju 2013 skond il-ligi. Saret laqgha fis-26 ta' Lulju 2013 fejn il-Bord ta lil applikant ghaxart ijiem biex ibiddel xi pjanti. Ma hemmx record ta' min hu prezenti ghas-seduta pero l-kaz gie differiet ghas-6 ta' Settembru 2013. Il-pjanti gew esebiti fis-6 ta' Awwissu 2013 u Dr. Vella gie nfurmat b'email li l-applikant dahhal pjanti godda. Ma jkunx fiha data tad-differiment. Fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2013 gie approvat l-izivlupp bil-kundizzjoni li l-applikant idahhal pjanta ohra. Ma hemmx fir-records min kien prezenti. Il-permess inhareg fit-22 ta' Ottubru 2013 pero bi zvista ma gietx inkluza pjanta approvata.

Tqis ukoll li qabel jigu trattati l-aggravji jkun opportunl i tigi riprodotta d-decizjoni preliminari tat-Tribunal tal-4 ta' Novembru 2014 billi parti mill-aggravji jirrigwardaw din id-decizjoni. Din id-decizjoni tghid hekk:

> Ikkunsidra:
>
> L-Aggravju dwar il-procedura fid-decizjoni tal-applikazzjoni tal-izvilupp:
>
> Illi f'din id-decizjoni dan it-Tribunal ser jistharreg l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fejn qieghed jitlob in-nullita' tad-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-6 ta' Settembru peress li l-Awtorita' naqset li tinforma lill-appellant, bhala terza persuna interessata, bid-data tal-laqgha meta kienet ser tittiehed id-decizjoni.
>
> Illi dan l-aggravvu gie spjegat hekk kif gej:
>
> 'In linea preliminari, l-appellant jikkontendi li l-Awtorita kienet obbligata bil-ligi sabiex fl-udjenza ta' nhar is-6 ta' Settembru 2013 quddiem il-Kummissjoni

tinfurma lill-appellant sabiex jattendi u jressaq is-sottomissjonijiet tieghu ladarba kienu gew irnressqa pjanti godda fil-rnori tad-differiment.

Fir-rigward jinghad illi fit-termini tal-Artikolu 68(6) tal-Kapitolu 504, l-Awtorita hija kostretta bil-ligi li "tinforma lill-partijiet interessati dikjarati meta jkunu gew ipprezentati pjanti godda u dik il-parti interessata dikjarata ghandha tigi mistiedna biex tkun prezenti ghal-laqgha tal-Awtorita meta tigi diskussa dik l-applikazzjoni. Izda dawk l-ilmenti jistghu jsiru f'format kif meqjus xieraq mill-Awtorita, u ghandhom jinkludu dawk l-ilmenti mibghuta bil-posta Jew bl-idejn u dawk elettronici".

Jirrizulta mil-minuti tal-Kummissjoni illi fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2013, il-Kumrnissjoni kienet tat il-fakolta lil Perit tal-applikant sabiex iressaq pjanti godda u ddiferiet l-appell ghas-seduta tas-6 ta' Settembru 2013:

"Architect within 10 days: the Board has concerns on the elevational treatment, the legibility of a garage as a semi-basement and the intervention on this particular context. You are requested to send a modified elevation, which integrates better with the streetscape.
To PDRT, Assess fresh plans, update NTC, strike out reasons where applicable, draft conditions and drawing numbers. "

Ghalkemm permezz ta' e-mail li nbaghtitlu fil-11 ta' Settembru 2013 l-appellant odjern kien mgharraf li gew intavolati pjanti godda skond din it-talba tal- Kummissjoni, ma kienx infurmat bid-data tas-seduta meta kienet ser tittiehed id- decizjoni, u ghalhekk ma setax ikun prezenti sabiex iressaq il-posizzjoni tieghu skond id-dritt li ttih il-ligi. Dan ghandu rilevanza partikolari fil-kaz odjern in kwantu f'dik 1- istess seduta, il-Kummissjoni ghaddiet biex ikkunsidrat varjazzjoni ulterjuri tal-izvilupp.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-appellant jikkontendi li huwa gie mcahhad mill-opportunita li jressaq l-ilmenti tieghu bi ksur tad-dritt li ttih il-ligi u l-Awtorita' agixxiet bi ksur tal-obbligu taghha stipulat fl-artikolu 68(6).

Illi l-appellant, Dr. Jevon Vella prezenta affidavit li jaqra' hekk kif gej:

"Jiena residenti gewwa 46, Triq San Piju V, Sliema. B'referenza ghall-ewwel aggravju tal-appell imressaq minni, nikkonferma li jiena kont ressaq objection fit-18 ta' Frar 2013 fit-termini tal-Kap 504 b'referenza ghall-applikazzjoni li kienet tressqet bin-numru PA 337/13. Jiena kont gejt rikonoxxut bhala registered objector fit-termini tal-istess Ligi u kont irrizervajt id-dritt li nressaq sottomissjonijiet ulterjuri.

Matul il-process ta' din l-applikazzjoni jiena kont ircevejt is-segwenti:-

Dok JV2 - ittra datata 20 ta' Frar 2013 permezz ta' liem l-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet infurmatni li kont ser nigi notifikat kemm bid-data meta l-Kummissjoni tkun ser tiehu d-decizjoni kif ukoll meta jkun hemm bdil fil-pjanti sottomessi mill-applikant. Din kont ircevejtha kemm bl-email kif ukoll b'ittra bil-posta;

Dok JV3 - email datata 6 ta' Marzu 2013 permezz ta' liem kont gejt avzat illi kienu gew sottomessi pjanti godda mill-applikant;

Dok JV4 - email datata 7 ta' Awwissu 2013 permezz ta' liem kont gejt avzat illi kienu gew sottomessi pjanti godda mill-applikant;

Dok JV 5 - email datata 11 ta' Settembru 2013 permezz ta' liem kont gejt avzat illi kienu gew sottomessi pjanti godda mill-applikant;

Dok JV 6 - kopja ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2013 permezz ta' liem kont gejt notifikat b'kopja tad-decizjoni li ttiehdet mill-Awtorita;

Nikkonferma li jiena ma kont gejtx notifikat bl-ebda udjenza li fiha kellha tigi diskussa l-applikazzjoni u / jew il-pjanti godda, partikolarment dik tas-6 ta' Settembru 2013 quddiem il-Kummissjoni meta ttiehdet id-decizjoni, sabiex inkun nista' nattendi u nressaq sottomissjonijiet ladarba kienu wkoll gew imressqa pjanti godda mill-applikant.

Jiena kont gejt mgharraf fil-11 ta' Settembru 2013 li l-applikant kien ressaq pjanti godda. Skont il-ligi, jiena kont qed nistenna li nigi nfurmat bid-data tal-udjenza meta l-Awtorita kellha tiddiskuti u tiehu decizjoni. Izda b'dan ma gejtx infurmat. Kien biss wara kont skoprejt li d-decizjoni kienet ittiehdet fis-6 ta' Settembru 2013.

Nispjega u nikkonferma li l-involviment tieghi fil-process quddiem il-Kummissjoni bhala registered objector u l-appell tieghi quddiem dan it-Tribunal, la gie prezentat fil-kwalita' tieghi ta' perit u lanqas fil-kwalita' tieghi ta' membru tat-Tribunal u dan qed nghidu b'referenza ghar-risposta prezentata mill-applikant ghall-appell imressaq minni. L-involviment tieghi kien u huwa bhala cittadin kwalsiasi, u kif ghandu jirrizulta car mill-okkju utilizzat fiz-zewg istanzi, ma sarx fuq il-kwalita professjonali tieghi.

Ghal kompletezza u dana ukoll b'referenza ghas-sottomissjonijiet li saru mill-applikant fdawn il-proceduri, jiena la ghandi u lanqas qatt ma kelli access ghal files fis-sistema tal-eApps. Dan tista' wkoll tikkonfermah l-Awtorita' ghax jien qatt ma' tlabt li nigi registrat sabiex naghmel uzu minn din is-sistema elettronika, u dan minhabba l-fatt li jiena nokkupa l-kariga ta' membru ta' dan it-Tribunal.

Bhala kull cittadin iehor, jiena kelli dritt u l-Awtorita' kellha l-obbligu legali li tinfurmani dwar meta kellha tigi diskussa l-applikazzjoni u tittiehed decizjoni mill-Kummissjoni.';

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-Awtorita' wiegbet dan li gej:

"4.1.1 The Authority notes that the preliminary legal grievance regards Article 68 (6), wherein appellant is stating that the Authority did not abide by this clause. From the file, it results that this is not the case. A letter dated 2nd July 2013 notified the appellant of the Board date, as per Document 48.

Negligence on the Appellant's part by not attending the EPC sitting shows a lack of interest and does not justify this preliminary legal grievance."

Illi l-Avukat Dottor Joanne Vella Cuschieri ghan-nom tal-applikant, irribattiet hekk kif gej:

Illi l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant jirrigwarda l-allegat eskluzjoni tal-appellant mnill-proceduri quddiem il-Kummissjoni. Preliminarjment dwar dan l-aggravju, l-esponent jippreciza li kull obbligu ta' notifika ai termini tal-artikolu 68(6) tal-Kap, 504 jispetta lill Awtorita' u mhux lill esponent applikant, ghalhekk l-esponent ru'ghandux x'jahti jekk dato ma non concesso l-Awtorita' naqset milli tapplika l-proceduri ta' notifika ravvizata fl-artikolu hawn fuq imsemmi. L-appellant ghandu jindirizza l-ilment tieghu strettament lill-Awtorita' jekk l-istess appellant jhossu aggravat b'tali allegat nuqqas izda mhux jinterponi appell fuq dan l-aggravju u jinvolvi lill-applikant wkoll.

Illi hu pacifiku li l-oggezzjoni intavolata mill-appellant fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni kienet debitiment irregistrata u ttiehdet in konsiderazzjoni mill-istess Kummissjoni. Di piu' mhux kontestat li saret referenza ghall-oggezzjoni tal-appellant fid-'DPA report' li tikkonferma li l-Awtorita', ossia l-Kumrnissjoni, fliet u evalwat l-oggezzjonijiet imressqa mill-appellant u kkunsidrathom fid- decizjoni dwar l-applikazzjoni PA337/13. Nonostante l-oggezzjoni tal-appellant, il-Kummissjoni laqghet l-applikazzjoni stante li kienet konformi mal-'policies' applikabbli;

Illi l-appellant qua 'registered objector' ghalkemm intavola l-oggezzjonijiet u r-rapprezentazzjonijiet tieghu, jidher li tali oggezzjoni ma kinitx tinkludi talba specifika sabiex l-'objector' jigi notifikat bid-dati tas-seduti sabiex ikun prezenti u ghalhekk ta x'jifhem li ma kinitx l-intenzjoni tal-istess li jkun partecipi fl-udjenzi quddiem il-Kumrnissjoni izda biss li jressaq l-oggezzjonijiet tieghu. Kif gia' espost fil-paragrafu precedenti, l-Awtorita' kkunsidrat tali oggezzjonijiet u ghalhekk l-process kien debitament segwit;

Illi jidher li mhux kontestat wkollli l-appellant kien debitament notifikat bid-data tal-ewwel udenzja quddiem il-Kumrnissjoni li sehhet fis-26 ta' Lulju, 2013.

Mill-minuti tal-udjenza tas-26 ta' Lulju 2013, jirrizulta li l-Kummissjoni ffissat d- data tad-differiment waqt l-udjenza kif jixhdu l-rninuti li jaqraw kif isegwi:

"Without prejudice the Board agreed to defer to the 6/09/2013." Tali minuta u dikjarazzjoni mill-Kummissjoni waqt l-udjenza pubblika li ghaliha kien mistieden ghandha titqies bhala notifika tad-data tas-seduta sussegwenti ai termini tal-Artikoli 68(6);

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u bir-rispett kollu, huwa ferm difficli li wiehed jemmen li l-'objector' qua Perit kif ukoll qua membru tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjerit u l-Ippjanar' ma kellux access dirett ghall-informazzjoni dwar meta kienet ser tinstema din l-applikazzjoni anki meta wiehed jikkunsidra li din l-informazzjoni sahansitra hija facilment accessibbli

mill-pubbliku generali. Ghalhekk jidher car li din l-aggravju qed jintuza bhala skuza biex jigi revokat il-permess li hareg b'rnod validu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esporient jirrileva li l-appellant ma kellu l-ebda dritt li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri stante li fl-ewwel lok l-appellant ma gab l-ebda provi li rrizerva d-dritt fl-'objection letter' li jressaq sottomissijonijiet ulterjuri ghal dawk esposti fl-ittra, Fit-tieni lok, l-appellant ma kellu ebda dritt li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri u dan ai termini tar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Procedura ta' Applikazzjoni u d-Decizjoni Relattiva) (L.S. 504.103);

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant fir-rikors promotur jiddikjara li l-Awtorita' informat lill-appellant permezz ta' email datata 11 ta' Settembru 2013 li allegatament infurmatu dwar s-sottomissjoni ta' pjanti godda izda mhux bid-data tas-seduta. L-esponent jirriserva d-dritt li jirrispondi fuq dan il-punt wara li l-appellant jesebixxi kopja tal-e-mail imsemmija u ghaldaqstant fdan l-istadju qed jikkontesta dan l-aggravju;"

Illi f'nota ulterjuri tas-16 t'April 2014, l-Avukat Dottor Josette Grech ghall-appellant resqet dawn is-sottomissjonijiet fir-rigward l-ewwel aggravju tal-appell:

"Fid-dawl tal-fatti fuq esposti, l-esponenti jirrileva qabel xejn illi l-Awtorita' ressqet ir-risposta ghall-appell intavolat mill-esponenti biss wara li 1-esponenti kien diga ressaq il-provi tieghu konsistenti fl-affidavit u d-dokumenti hemm annessi mieghu. Apparti li dan huwa bi ksur ta' kif jitmexxew il-proceduri quddiem tribunal gudizzjarju, dan ukoll huwa in kontravenzjoni tat-terminu stabbilit ft-ewwel artikolu tat- Tieni Skeda tal-Kap 504 u l-Awtorita ghalhekk ghandha titqies li hija kontumaci u ma tithalliex iddahhal risposta tardivament.

Fir-risposta tardiva taghha, l-Awtorita qeghda tirribatti ghall-aggravju preliminari mressaq mill-esponenti fl-appell tieghu billi tallega illi ("a letter dated 2nd July 2013 notified to the appellant of the Board date as per Document 28."

6. In primis, jinghad illi gie pruvat bl-affidavit tal-esponenti (Dok JV1) illi d-dokumentazzjoni li huwa rcieva minghand l-Awtorita' fir-rigward huma dawk indikati kronologikament fl-istess affidavit. L-esponenti kkonferma li matul il-process huwa rcieva il-komunikazzjoni elenkata, u xejn aktar.

7. Ma jirrizultax li din l-ittra li ssir referenza ghaliha mill-Awtorita datata 2 ta' Lulju 2013 effettivament kienet intbaghtet u/jew giet ricevuta u/jew notifikata lill-esponenti. Dan id-dokument ma jistax jaghmel prova tal- kontenut tieghu, aktar u aktar f'cirkostanzi fejn hemm il-kontestazzjoni cara tal-esponenti, konfermata bil-gurament tieghu. Dan id-dokument ma jistax jitqies bhala prova li l-esponenti gie notifikat, jew inkella avzat, bl-udjenza quddiem il-Kummissjoni li kellha ssir nhar is-26 ta' Lulju 2013 fejn kellha tigi diskussa l-applikazzjoni tal-applikant,

8. Del resto, huwa stramb kif il-korrispondenza kollha wara l-ewwel ittra tal-20 ta' Frar 2013 permezz ta' liem l-Awtorita kienet infurmat lill-esponenti li kien ser jigi notifikat kemm bid-data meta l-Kumrnissjoni kienet ser tiehu d-decizjoni kif ukoll meta jkun hemm bdil fil-pjanti sottomessi mill-applikant, kienu kollha mibghuta permezz ta' emails lill-esponenti, li taghhom huwa facli li jkun hem m prova li gew mibghuta u ricevuti. Huwa stamb kif fost il-korrispondenza kollha sussegwenti tal-Awtorita', li ntbaghtu kollha bl-ernail, kienet unikament din il-korrispondenza li ntbaghtet allegatament bil-posta, Huwa stramb ukoll kif l-ewwel ittra li kienet intbaghtet lill-esponenti datata 20 ta' Frar 2013 kienet intbaghtet kemm bil-posta kif ukoll bl-ernail, izda dan il-process ma giex segwit proprju fil-kaz ta' din l-ittra li ssemmi l-Awtorita fin-nota taghha.

9. Ladarba l-esponenti kien gie rikonoxxut bhala registered objector, il-principji tal-gustizzja naturali jirrikjedu li jkun notifikat bl-udjenza meta tkun ser tigi diskussa l-applikazzjoni. Ladarba rrizulta li l-esponenti ma giex notifikat ma setax ikun rispettat il-principju tal-audi alteram partem fl-ghoti tad-decizjoni li minnha qed isir dan l-appell,

10. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi l-Awtorita ma kinitx ezentata milli tinforma lill-esponenti qua registered objector milli jattendi ghal udjenzi sussegwenti ghal dik tas-26 ta' Lulju 2013 meta kienet ser terga' tigi diskussa l-applikazzjoni tal- applikant Dan qieghed jinghad riferibbilment ghal udjenza tas-6 ta' Settembru 2013 fejn kienet ser tigi diskussa l-applikazzjoni wara li kienu gew sottomessi pjanti godda u l-Kummissjoni ghaddiet biex ikkunsidrat varjazzjoni ulterjuri tal-izvilupp propost. B'din l-udjenza l-esponenti rega' ma giex infurmat u mistieden sabiex jattendi, kif kien fid-dover li taghmel l-Awtorita.

11. Per di piu, jirrizulta li wara l-ahhar udjenza tas-6 ta' Settembru 2013, meta ittiehdet id-decizjoni dwar l-applikazzjoni, l-esponenti gie mgharraf b'email tal-11 ta' Settembru 2013 li tressqu pjanti godda. Il-process quddiem il-Kummissjoni kien diga nghalaq wara li tressqu l-pjanti l-godda u ghalhekk l-esponenti bhala registered objector ma kellu ebda opportunita li jsemma lehnu rigward dawn il-pjanti godda. It-taghrif moghti bl-email tal-11 ta' Settembru 2013 kien joffri biss 'lip service' ghal dak stipulat fl-artikolu 68(4) tal-Kap 504.

12. Tant ghanu umilment x'jissottometti l-esponenti ghas-savvju gudizzju ta' dan l-Onorabbli Tribunal.';

Illi l-Avukat Matthew Grech ghall-applikant permezz tas-sottomissjoni tad-19 ta' Mejju 2014 wiegeb hekk kif gej:

'Nota responsiva tal-applikant Edmond Agius li permezz taghha, in segwitu ghall-verbal tal-udjenza tas-17 ta' April, 2014 jissottometti s-segwenti dwar aggravji preliminari eccepiti mill- appellant:

1. Illi dawn is-sottomissjonijiet qed isiru b'zieda mas-sottomissjonijiet esposti fir-risposta intavolata fil-mori tal-proceduri odjerni fit-3 ta' Frar, 2014;

2. Illi fir-rikors tal-appell u s-sottomissjonijiet sussegwenti, I-appellant Dr. Jevon Vella, jattribwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 68(8) tal-Kap. 504 lil Awtorita' fil-mori tal-proceduri quddiem il-Kummissjoni stante Ii I-appellant qieghed jallega li ma kienx debitamentnotifikat bid-dati tal-udjenza quddiem il-Kummissjoni;
3. Illi mhux kontestat pero' li I-appellant kien debitament rregistrat bhala terz interessat ai termini tal-artikolu 68(4) tal-Kap. 504 wara li rregistra l-oggezzjoni tieghu mal-Awtorita' fil- konfront tal-applikazzjoni PA/00337/13. Dan il-fatt jirrizulta fost ohrajnmis-sottomissjonijiet tal-appellant stess. Fosthom mill-emails esebiti mal-affidavittal-appellant datat 4 ta' Marzu 2014, li jixhdu Ii I-appellant kien debitament rregistrat mal-Awtorita' u kif ukoll fis-sistema tal-Awtorita' bhala terz interessat fir-rigward tal-applikazzjoni PA/0337/13 stante li rcieva avvizi relatati mal-imsemmija applikazzjoni ta' zvilupp;
4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku wkoll Ii I-Kummissjoni hadet konjizzjoni tal-oggezzjoni rregistrata mill-appellant u I-kontenut tal-istess waqt l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni PA 0337/13 u ghalhekk tali evalwazzjoni tal-oggezzjoni saret skond il-ligi.Fil-fatt,saret ukoll referenza specifika ghal oggezzjoni tal-appellant fir-rapport tad-Direttorat(DPA Report. Din hi xiehda ohra Ii I-Awtorita' u I-Kummissjoni debitamentirrikonoxxiet lill-appellant bhala terz interessat fil-proceduri tal-evalwazzjoni tal-permess ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;
5. Illi mis-sottomissjonijiet u l-provi mressqa mill-appellant jirrizulta li l-Awtorita' nnotifikat lill-appellant qua terz interessat b'kull istanza li gew sottomessi pjanti reveduti fil-mori tal- proceduri quddiem il-Kummissjoni u dan ai termini tal-artikolu 68(6) tal-Kap. 504. Tali notifika saret permezz ta' emails indirizzati personalment lill-appellant fosthom is-segwenti e-mails:
i. Email datata 6 ta' Marzu 2013 (annessa mal-affidavit tal-appellant u mmarkata Dok. JV3) Ii tipprecedi I-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2013; u
ii. Email datata 7 ta' Awwissu 2013 (annessa mal-affidavit tal-appellant u mmarkata Dok. JV4) li tipprecedi I-udjenza tas-6 ta' Settembru 2013; u
iii. Email datata 11 ta' Settembru 2013 (annessa mal-affidavit tal-appellant u mmarkata Dok. JV5) Ii ntbghatet wara I-udjenza tas-6 ta' Settembru 2013;

Mill-emails surreferiti wiehed jinnota li l-appellant kien debitament notifikat bl-avvizi tal- Awtorita' f'dati kemm qabel u wara l-udenzji li sehhew quddiem il-Kummissjoni, b'konferma li l-Awtorita' informat lill appellant b'kull zvilupp fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni. Dan ghandu jikkostitwixxi prova cara li s-sistemi mhaddma mill-Awtorita' u I-mezz tal-emails kienet koerenti u effikaci stante li l-appellant kkonferma li rcieva l-emails surreferiti. Nonostante dan I-appellant jallega li I-Awtorita' naqset Ii tinnofikah biss bid-dati u I-hin tal-udjenzi, izda mill-provi prodotti fil-mori tal-appell odjern jirrizulta xort'ohra;

6. Illi jirrizulta li mhux kontestat li n-notifika tal-avvizi u decizjonijiet tal-Awtorita' saret skond il-ligi, specifikament ai termini tar-regolament 7(4) tar-Regolamenti dwar L-Ippjanar u l-Izvilupp (Procedura ta' Applikazzjonijiet u d-Decizjoni Relattiva) li jipprovdi s-segwenti:

"Ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-artikoli 41 u 68 tat-Att, tal-paragrafu 11 tal-Ewwel Skeda tat-Att, u tal-paragrafu 11 tat-Tieni Skeda li

tinsab mat-Att, kull notifika jew avviz to' decizjoni lil terza persuna interessata Mal dik gnandhom isiru mill-Awtorita jew mit-Tribunal, hekk kif ikun il-kaz, permezz ta' ittra mibqhuta bi/-posta normali fl-indirizz postali jew permezz ta' komunikazzjoni elettranika fl-indirizz elettroniku, Jekk ikun hemm, notifikati skont id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3)." (emfasi mizjuda)

Minn qari akkurat tar-regolament surreferit wiehed jikkonkludi Ii n-notifiki lill terz interessat jistghu jsiru permezz ta' ittra mibghuta bil-posta jew bil-rnezz tal-email. Ghalhekk, kontra 1- impressjoni Ii qed jittenta jaghti I-appellant, ma hem m xejn "stramb" li n-notifiki saru bl-email stante Ii l-ligi tippermetti notifiki b'tali mezz u di piu' ma jezisti I-ebda obbligu fil-ligi li n-notifiki ssir esklussivament permezz ta' ittra mibghuta bil-posta gialadarba I-indirizz postali elettroniku kien registrat mal-Awtorita' stante li I-oggezzjoni kienet mibghuta permezz ta' email;

7. Illi mir-records relatati mal-applikazzjoni PA 0337/13 u mir-risposta intavolata mill-Awtorita' jirrizulta Ii I-istess Awtorita' nnotifikat lill appellant qua terz interessat bid-data u 1- hin tal-udjenza tas-26 ta' Lulju 2013 permezz ta' avviz datat 2 ta' Lulju 2013. Tali notifika saret ai termini tad-disposizzjonijiet tar-regolament 7(4) tar-Regolamenti dwar L-Ippjanar u I-Izvilupp {Procedura ta' Applikazzjonijiet u d-Decizjoni Relattival", Din hi prova cara u inekwivokabbli li I-appellant kien debitament notifikat bl-udjenza izda ghal raguni njota naqas li jattendi di persona jew Ii jkun rapprezentat minn agent fl-imsemmija udjenza;

8. Illi l-appellant fin-nota risponsiva tieghu jissolleva li I-ittra tal-Awtorita' datata 2 ta' Lulju 2013 li biha l-Awtorita' infurmatu bid-data u l-hin tal-udjenza u t-records mizmuma mill- Awtorita' dwar I-imsemmija ittra "ma jistax jaghmel prova tal-kontenut tieghu, aktar u aktar f'cirkostanzi". Ghalkemm, l-applikant esponent ma jiddubitax mill-integrita' tal-appellant, fis-sottomissjonijiet tieghu I-appellant jippretendi li dan l-Onor. Tribunal [iskarta prova cara u inekwivokabbli mressqa mill-Awtorita', ossia l-ittra datata 2 ta' Lulju 2013 li tikkonferma li I-appellant kien debitament notifikat bid-data u I-hin tal-udjenza, sempliciment abbazi ta' dikjarazzjoni tal-appellant li taghti verzjoni differenti. FI-opinjoni tal-applikant esponent, mhux biss tali ittra tikkostitwixxi prova cara u li bl-ebda mod m'ghandha tigi skartata, izda t-Tribunal hu doveruz li jiehu in konsiderazzjoni u jevalwa tali ittra bhala prova ta' notifika lill-appellant ai termini tal-ligi;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li I-appellant ma kellu ebda dritt vestit mill-ligi sabiex jressaq sottomissjonijiet jew oggezzjonijiet ulterjuri ghal dawk intavolati minnu originarjament. Fl-ewwel lok, I-appellant naqas Ii jgib prova sodisfacenti li rrizerva tali dritt fl-email tal-oggezzjoni intavolata minnu. Fit-tieni lok, I-appellant ma kellu 1-ebda dritt Ii jressaq sottomissjonijiet ulterjuri ai termin tar-regolamenti 8 u 9 tar-Regolamenti dwar L-Ippjanar u I-Izvilupp (Procedura ta' Applikazzjonijiet u d-Decizjoni Relattiva). L-esponent inter alia jirreferi ghal fatt Ii I-appellant naqas Ii jsressaq sottomissjonijiet ulterjuri fit-termini stabbiliti nonostante li gie debitament notifikat bl- awizi relattivi. Ghalhekk tali sottomissjonijiet ma jistghux jigi kkunsidrati mill-Awtorita' jew mill-Kummissjoni skond id-

disposizzjonijiet tar-regolament 8(8). In oltre, in vista li 1- appellant naqas li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri, l-Awtorita' u l-Kummissjoni huma obbligati li jqisu li fi kliem il-ligi stess "dik il-persuna ma jkollha ebda sottomissjoni jew sottomissjonijiet ulterjuri x'taghmel dwar dik l-applikazzjoni?" u dan bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet li dik l-appellant kien gia' ressaq;

10. Illi finalment, hu pacifiku li l-Awtorita' u l-Kummissjoni hadu konjizzjoni u kkunsidraw pjenament s-sottomissjonijiet tal-appellant f'kull stadju tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni skond il-ligi u dan kif spjegat fil-mori tal-appell odjern u kif jirrizulta wkoll mill-file tal- applikazzjoni. Fid-dawl ta' dan il-fatt, ghandu jkun pacifiku wkoll li nonostante 1- oggezzjonijiet tal-appellant l-Kummissjoni laqghet l-applikazzjoni u harget il-permess PA/00337/13 u dan stante li l-izvilupp pro post mill-applikant esponent hu konformi mal- 'policies' kollha applikabbli ghal-kaz.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-applikant esponent umilment jitlob lil dan l-Oner. Tribunal jichad it-talba tal-appellant u jikkonferma l-permess PA/337/13 mahrug mill-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datat 22 ta' Ottubru 2013.

Tant ghandu x'jissottometti l-applikant esponent ghas-savju gudizzju ta' dan l-Oner. Tribunal.';

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi mis-sottomissjonijiet u provi prodotti fis-smiegh ta' dan l-appell, mhux kontestat il-fatt li l-appellant huwa persunai nterressata a bazi tal-Artikolu 68(4) tal-Kap 504, ossia terza persuna li tkun ghamlet is-sottomissjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni.

Illi kuntrarju ta' dak li gie sottomess mill-applikant, mhux necessarju ghal dik il-persuna interessata li titlob lill-Awtrotita' sabiex tkun prezenti fl-udjenzi quddiem il-Kummissjoni meta tkun ser tigi deciza l-applikazzjoni. L-Att X tal-Kap 504 jahseb sabiex l-Awtorita' tinnotifika hi lill-applikant u kull persuna interessata bid-data ta' meta ser tkun deciza l-applikazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 86 subinciz (6) tal-Kap 504 jipprovdi dan li gej:

'L-Awtorità għandha tinforma lill-partijiet interessati dikjarati meta jkunu ġew ippreżentati pjanti ġodda u dik il-parti interessata dikjarata għandha tiġi mistiedna biex tkun preżenti għal-laqgħa tal-Awtorità meta tiġi diskussa dik l-applikazzjoni:

Iżda dawk l-ilmenti jistgħu jsiru f'format kif meqjus xieraq mill-Awtorità, u għandhom jinkludu dawk l-ilmenti mibgħuta bil-posta jew bl-idejn u dawk elettroniċi:

Iżda wkoll jekk l-aħħar ġurnata għas-sottomissjonijiet, kif stabbilit mill-Awtorità, tkun festa pubblika jew ġurnata meta l- uffiċċju tal-Awtorità jkunu magħluq għall-pubbliku, it-terminu għal dawk is-sottomissjonijiet għandu jitqies bħala li jiskadi fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss."

Illi l-paragrafu tal-Ewwel Skeda tal-Kap 504 jipprovdi dan li gej:

'L-Awtorità għandha tiddeċiedi u tiddetermina kull kwistjoni taħt konsiderazzjoni tagħha matul l-ewwel seduta li fiha dik il-materja tinġieb għad- determinazzjoni. L-Awtorità tista' wara li tagħti r-raġunijiet għal dik it-talba, titlob l-applikant li jippreżenta pjanti ġodda u dokumenti u dan sakemm is-sustanza tal- kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata tagħha ma tinbidilx u kull persuna li tkun għamlet sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-applikazzjoni skont l-artikolu 68(4) għandhom ikunu infurmati li l-pjanti u d-dokumenti ġodda ġew hekk ippreżentati u għandu wkoll jiġi mistieden li jkunu preżenti waqt is-seduta tal-Awtorità, skont kif ikun il-każ, meta l-applikazzjoni tiġi diskussa. Meta l-Awtorità tipposponi deċiżjoni dwar applikazzjoni jew meta l-applikant huwa mitlub li jippreżenta pjanti u dokumenti ġodda, jew għall-għoti ta' informazzjoni ulterjuri, f'liema każ l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet għall-ħtieġa ta' aktar informazzjoni, jew meta l-Awtorità tkun meħtieġa li tikkonsulta skont l-artikolu 45 f'liema każ l-Awtorità għandha, matul il-laqgħa tistabbilixxi d-data għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni u din id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn tletin ġurnata mid-data tal-laqgħa."

Illi mill-provi fl-atti huwa evidenti li l-Awtorita' innotifikat kemm lill-applikant, kif ukoll lill-appellant bhala persuna interessata bir-rapport tad-Direttorat tal-Ippjanar skont in-notifiki mibghuta fit-2 ta' Lulju 2013 (a fol 47 u 48 fil-PA 337/13 rispettivament). F'din in-notifikata giet indikata d-data u l-hin tas-smiegh ta' din l-applikazzjoni odjerna quddiem il-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi l-ligi hija cara u tipprovdi sabiex l-applikant kif ukoll dawk il-persuni interessati, ghandhom jigu notifikati bid-data u l-hin tal-ewwel seduta meta ser tkun diskussa u deciza l-applikazzjoni ghall-izvilupp. F'kaz illi l-Kummissjoni ma tasalx biex tiehu decizjoni fl-ewwel seduta, u ghaldaqstant ikun hemm il-htiega li tipposponi d-data ghal-decizjoni, l-istess Kummissjoni ghandha matul il-laqgħa din l-ewwel laqgha tistabbilixxi d-data għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni u din id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn tletin ġurnata mid-data tal-laqgħa.

Ghaldaqstant il-ligi tipprovdi sabiex il-partijiet ikunu notifikati bl-ewwel laqgha, filwaqt li ghal kumplament tal-laqghat, jekk ikun hemm il-htiega, il-partijiet jigu notifikati waqt l-ewwel seduta u ghaldaqstant l-Awtorta' m'ghandiex l-obbligu li toqhod terga tikkomunika d-dati u l-hin tal-laqghat sussegwenti.

Illi f'dan il-kaz dan it-Tribunal seta' jinnota li kien hemm zewg seduti tal-Kummisssjoni, l-ewwel seduta kienet dik tas-26 ta' Lulju 2013, u filwaqt li d-decizjoni finali ttiehdet fis-6 ta' Settembru 2013. Fl-ewwel seduta l-Kummissjoni talbet xi tibdil fil-pjanti li dawn gew prezentati fis-6 ta'Awissu 2013, u fl-ahhar seduta, l-applikazzjoni giet deciza b'diversi kundizzjonijiet.

Illi fl-inkartament tal-applikazzjoni tal-PA 337/13, johrog b'mod evidenti li kemm l-applikant kif ukoll l-appellant bhala terza persuna interessata gew

notifikati b'ittra tat-2 ta' Lulju 2013 (a fol 47 u 48 rispettivament) dwar l-ewwel laqghat tal-Kummissjoni li kellha ssir fis-26 ta' Lulju 2013. F'din is-seduta gie ukoll diterminat id-data tat-tieni seduta, u ghaldaqstant l-Awtorita ma kelliex bzonn terga tinnotifka b'mod formali lill-partijiet.

Illi l-appellant irrileva li huma qatt ma gie notifikat bid-data tas-seduta tad-decizjoni, u dan b'mod partikolari kien qieghed jirreferi ghall-ewwel seduta tas-26 ta' Lulju.

Illi l-Awtorita' infurmat b'permezz tal-posta ordinarja n-notifika tal-ewwel seduta, u ghalkemm dan it-Tribunal japprezza li f'dan il-kaz jista jkun certu riskju, jibqa' l-fatt li l-Awtorita' m'ghandiex tidhol responsabli ukoll ghall-operat u s-servizz tal-posta. Hawnhekk dan it-Tribunal jista' jinnota li l-Awtorita' kellha tkun iktar konsistenti li jekk l-appellant kien qieghed jircievi komunikazzjoni minghand l-Awtorita' b'permezz tal-posta eletronika, (bhal fil-kaz ta' notifika ta' pjanti godda), kien ikun utli ukoll jekk l-istess notifika dwar il-laqgha tal-Kummissjoni kellha tasal b'permezz tal-posta eletronika.

Madankollu, dment li l-Awtorita' segwiet mad-dispost tal-ligi u r-regolamenti relattivi, dan it-Tribunal ma jarax raguni valida biex jannulla d-decizjoni tal-Kummissjoni.

It-Tribunal ghalhekk qed jichad l-ewwel aggravju tal-appellant, u ghaldaqstant dan it-Tribunal ser ikompli bis-smiegh ta' dan l-appell fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 fis-1.15 p.m.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju qed isir kemm ghad-decizjoni in kwistjoni kif ukoll ghal dik preliminari fl-istess atti tal-4 ta' Novembru 2014. Dan l-aggravju ma fih ebda mertu. L-appellant qed jilmenta li hu gie indikat bhala kjamat fil-kawza mentri kien parti. Hu minnu illi strettament fl-appell l-appellant kellu jigi deskritt bhala intimat. Pero hi x'inhi d-dicitura, l-applikant hu kontroparti fil-proceduri fejn hu indikat korrettement b'ismu u kunjomu fl-atti u fejn sostanzjalment il-proceduri mhux inkwinati u ebda pregudizzju certament ma gie kommess fil-konfront tal-appellant. Wara kollox il-pozizzjoni ta' konvenut u kjamat fil-procedura civili hi l-istess ghax hu konvenut u parti u jrid jissottometti ruhu ghal gudizzju kif inhu f'dan il-kaz.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mertu ghax ghalkemm fid-decizjoni tieghu t-Tribunal iqis li dan hu xi digriet cioe provvediment li jaghti ufficjalita ghal proceduri konkluzi fil-mertu

mod iehor, pero d-decizjoni tat-Tribunal hi cara fejn l-pendenza giet terminata b'mod konklussiv billi gie dikjarat li l-mertu hu ezawrit ghar-ragunijiet minnu moghtija bla intervent tal-partijiet. Ghalhekk hi biss in-nomenklatura li hi hazin ghax fil-fatt din hi decizjoni mhux digriet.

**It-tielet aggravju**

L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hu precizament sottomissjoni dwar ir-rikuza ta' gudikant. Din it-talba ma saret f'ebda punt tal-proceduri meta l-appellant kien ben konxju li z-zewg appelli cioe dan u l-iehor konness dwar l-istess permess 268/13 kienu mexjin flimkien u qatt ma oggezzjona. In ogni kaz lanqas fattwalment ma hu korrett l-appellant ghax it-Tribunal kien qed jiddeciedi appelli dwar l-istess applikazzjoni fl-istess hin u mhux applikazzjonijiet differenti fejn it-Tribunal ikun gia esprima ruhu fuq xi punt partikolari.

Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hi bla mertu.

It-tieni parti ta' dan l-aggravju hi rilevanti hafna legalment. Il-Qorti tifhem illi fil-kronologija ta' kif sehhew il-fatti, saret seduta fis-26 ta' Lulju 2013 fejn jidher li l-partijiet kollha inkluz dawk interessati kienu avzati bis-seduta u f'dik is-seduta l-Kummissjoni kellha quddiemha l-pjanti rilevanti. F'dik is-seduta pero l-Kummissjoni kienet talbet li l-applikant jipprezenta pjanti ohra qabel tittiehed decizjoni finali u s-smigh tal-applikazzjoni giet differita ghas-6 ta' Settembru 2013. Jidher mid-decizjoni preliminari tat-Tribunal illi ghas-seduta tas-26 ta' Lulju 2013 it-terz interessat cioe l-appellant kien gie avzat bis-seduta permezz ta' ittra postali. Ghal din is-seduta ma dehrx.

Pero b'affidavit tal-istess appellant hu jiddikjara li ma rceva ebda avviz ta' smigh u ghalhekk ma dehrx u ma kienx jaf bis-seduta. Sar jaf biss wara li giet approvata l-applikazzjoni fis-6 ta' Settembru 2013 u gie notifikat bid-decizjoni xi granet wara. Jidher li fil-mori tad-differiment tas-26 ta' Lulju 2013 l-applikant kien ipprezenta l-pjanti mitluba fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2013 u email li hekk sehh mibghut lil terz interessat bla data tas-seduta ta' Settembru. It-Tribunal jirrikonoxxi illi kif t-terz interessat cioe l-

appellant kien gie avzat bil-pjanti godda permess tal-posta elettronika seta' sar l-istess bl-avviz tas-seduta. It-Tribunal isostni fid-decizjoni preliminari tieghu illi l-Awtorita ma tistax tidhol responsabbli ghall-operat tas-servizzi postali.

Dan hu kollu minnu pero l-Qorti tirreleva li hemm principji aktar fondamentali minn dak li t-Tribunal issoferma ruhu fuqha cioe la darba ntbaghat l-avviz bil-posta, l-Awtorita qdiet dmirha skond il-ligi u ghalhekk tahsel idejha mill-konsegwenzi.

Il-Qorti tibda biex tirreleva illi r-regolament 7(4) tal-Avviz Legali 514/2010 jipprovdi dwar l-avviz jew ahjar il-forma ta' avviz li ghandu jintbaghat lil partijiet inkluz dawk interessati ghall-ewwel smigh cioe bil-posta normali jew kommunikazzjoni elettronika. Il-paragrafu 9 tal-Ewwel Skeda jghid illi l-Awtorita ghandha tisma' sottomissjonijiet mill-applikant u terzi interessati li jkunu ghamlu ilmenti bil-miktub skond l-artikolu 68(4) tal-Kap. 504. Kwindi la darba l-Awtorita hi obbligata tisma' lit-terz dan ghandu jkun avzat bis-seduta. Pero la darba l-Awtorita ghazlet dan il-mezz trid ikun certa li l-avviz wasal ghand min ghandu jasal. Hu minnu illi l-fatt li l-ittra ta' avviz tintbaghat hi prova li l-avviz mar pero din hi prova juris tantum ghax jekk jirrizulta li l-avviz ma wasalx ghand il-parti koncernata, allura hemm inkwinament tal-proceduri u possibilita xejn remota ta' nuqqas ta' smigh xieraq li jinkludi l-principju ta' audi alteram partem ghalkemm bla htija tal-Awtorita li mxiet mal-ligi. Il-paragrafu 9 tal-Ewwel Skeda ma jieqafx biss fuq il-fatt li t-terz ikun ghamel ilmenti bil-miktub biex jikkwalifika bhala terz interessat izda izid li l-Awtorita trid tippermetti li waqt is-seduta miftuha ghal pubbliku jaghmel sottomissjonijiet fuq dak li jkun qed jigri fis-seduta a propozitu tal-izvilupp propost. It-Tribunal ma setghax jistrieh ghalhekk fuq il-fatt li n-notifika ntbaghtet bil-posta meta t-terz interessat, bil-gurament tieghu qed jghid li ma receviex l-avviz tal-ewwel smigh. Sakemm ma hemmx prova kuntrarja jew it-Tribunal ghal ragunijiet minnu moghtija ma jaghtux kredibilita lil xhieda guramentata din id-dikjarazzjoni guramentata teghleb il-prezunzjoni li n-notifika saret ghax intbaghat l-avviz tad-data tas-smigh bil-posta. La darba gie stabbilit dan, it-Tribunal messu qies illi fl-ewwel seduta t-terz interessat ma giex notifikat.

Biex il-kwistjoni taggrava, u hawn fejn qed issir referenza diretta ghall-aggravju tal-appell, l-Awtorita fl-ewwel seduta ddifferiet l-appell ghas-6 ta' Settembru fejn fil-mori l-

applikant kellu jipprezenta pjanti ohra. Anki jekk f'dik l-ewwel seduta l-Awtorita ma kinitx konxja ta' dak li sehh minn notifika tal-ewwel avviz u ma hemmx prova mill-atti li deher ghas-seduta jew kien jaf biha mod iehor, ma segwietx id-dispost tal-artikolu 68(6) fejn kellha tinforma lil partijiet interessati dikjarati li ser jigu prezentati pjanti godda u ghalhekk kienu qed jigu mistiedna jattendu ghas-seduta iffissata. It-Tribunal sostna li la darba d-differiment sar fl-ewwel seduta ma kienx mehtieg li ssir notifika mill-gdid tat-terz interessat li suppost kien jaf li ser issir seduta ohra fis-6 ta' Settembru 2013 ghax kien avzat bl-ewwel seduta u messu attenda. Dan l-argument hu fallaci ghax l-Awtorita ma kinitx konsapevoli li l-avviz tal-ewwel seduta ma wasalx u ghalhekk messha biex jigi evitata kull komplikazzjoni inutili xorta baghtet avviz iehor anki b'email flimkien mal-informazzjoni li gew prezentati pjanti godda b'mod li jirrizulta car li wasal u mhux tistrieh fuq il-posta regolari. Kien ikun differenti kieku saret il-prova li t-terz kien jaf bl-ewwel seduta ghalkemm il-Qorti xorta tqis illi fl-assenza tat-terz l-obbligu impost bl-artikolu 68(6) cioe li t-terz ikun avzat b'data u hin ta' smigh ulterjuri jekk ser jigu prezentati pjanti ohra, xorta jibqa' jissusisti. Verbal tat-Tribunal ghal differiment ulterjuri waqt is-seduta fl-assenza tat-terz ma tissodisfax il-kelma tal-ligi. It-Tribunal ma segwiex dan ir-ragunament u ma gharafx li la darba l-ewwel notifika kienet inkwinata, dak kollu li sar wara minghajr avviz car lit-terz hu wkoll mtebba' bl-istess nuqqas. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-approvazzjoni tal-permess fis-6 ta' Settembru 2013 kien affett minn nuqqas li ma jistax jigi sanat bl-ebda mod u t-Tribunal kellu jiehu d-decizjoni necessarja u inevitabbli li twassal ghal thassir tal-permess u smigh gdid tal-applikazzjoni bil-pjanti kollha li gew esebiti u wara tittiehed decizjoni. Hu minnu li kif issottomettiet l-Awtorita l-pjanti godda gew notifikati b'email lit-terz interessat fil-mori tad-differiment wara l-ewwel seduta pero din il-prova wahedha mhix bizzejjed biex turi illi fil-fatt it-terz interessat kien jaf bis-seduta iffissata ghas-6 ta' Settembru 2013 u ghalhekk kien konxju tas-seduta u n-nuqqas li jidher u jaghmel is-sottomissjonijiet huma imputabbli solament lilu u ma jistax ghalhekk jallega nuqqas ta' smigh xieraq ghax ma kienx jaf bis-seduta.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant hu gustifikat.

**Ir-raba' aggravju**

Dan l-aggravju wkoll qed jigi milqugh ghax la darba kien hemm permess mahrug mill-Awtorita u sar appell dwaru, dan kellu jigi trattat. Ovvjament billi n-natura tal-kaz ha xejra differenti mill-ottika li biha tratta l-kwistjoni t-Tribunal dan l-aggravju jrid jittiehed fil-perspettiva ta' dak deciz f'dan l-appell u l-iehor konness mieghu 52/2015, li ghalih din il-Qorti taghmel referenza inkluz dak deciz fih. Billi dan l-appell jitratta l-ewwel permess mahrug wara d-decizjoni tas-6 ta' Settembru 2013 li din il-Qorti qieset bla effett fis-sentenza fl-appell konness 53/2015 isegwi li dan l-appell messu gie trattat u deciz fis-sens illi z-zewg appelli kienu necessarji ghax kienu jirrigwardaw zewg permessi li t-tnejn li huma ghar-ragunijiet differenti kienu invalidi, l-ewwel wiehed ghax ma giex segwit skrupolozament il-principju tas-smigh xieraq u t-tieni ghax kien dipendenti fuq l-ewwel wiehed ghalkemm hareg bhala permess ghal rasu bla ebda jedd li l-Awtorita taghmel dan minghajr ma issegwi l-procedura tas-smigh fil-miftuh jekk it-tieni permess kien qed jigi trattat bhala permess gdid ghax hekk inhareg. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh f'dan is-sens u d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fil-kuntest ta' dan l-appell hi monka u trid tirrispekkja dak li gie deciz fl-appell 52/2015 cioe li ghar-ragunijiet moghtija anki f'dan l-appell il-permess mahrug fit-22 ta' Ottubru 2013 kif approvat fis-6 ta' Settembru 2013 hu monk u minghajr effett.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Dr Jevon Vella u tirrevoka d-decizjoni preliminari tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' Novembru 2014 u d-decizjoni tad-29 ta' Ottubru 2015, u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal biex jiehu l-provvedimenti mehtiega. Spejjez ghall-Awtorita.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur